***KUNSILL LOKALI RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 02**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin

**Il-Hamis 17 ta' Settembru fil-6.30 pm**

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00** **Aprovazzjoni tal-Minuti A01**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A01 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Christopher Farrugia. Il-laqgħa approvat il-minuti A01.

**2.00** **2. Korezzjonijiet tal-Minuti A01**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello talab li jkun mizjud dan li gej ma minuta 3.06:

......insebbhu l-ambjent tal-lokalita taghna. *Bhala suggett hu issuggerixxa li jekk Il-kumitat jaqbel,hu, fi hdan Il-kunsill, iressaq Il-proposta ta tisbih billi jinbena belvedere fuq ix-xaqliba li thares fuq Il-wied tal-Isqof hdejn Il-palazz li hemm f'Tal-Virtu. IL-quddiem issir ukoll estensjoni tal-belvedere ezistenti li hemm quddiem in-nunzjatuta u s-Seminarju. Din l-estensjoni issir fid-direzzjoni tal-imsemmi palazz*. Ic-chairperson flimkien….

**3.00** **3. Punti Mqajjma**

3.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello introduca s-suggett ta' Punti Mqajjma fejn gibel l-attenzjoni li s-suggett dwar l-entratura ghal Tal-Virtu' huwa kopert

b'item numru 4 fl-agenda. Ghaldaqstant irrakomanda li din tigi diskussa skond l-agenda.

3.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi ikkonferma li l-applikazzjoni ghall-Fondi Spejcali ghall-Kumitati Aministrattivi giet iffirmata minn Dr. Anthony Grixti Soler fl-assenza tac-Chairperson Is-Sur Lino Pace Bonello minhabba li kien imsiefer. Fondi Specjali

3.03 Minhabba li ma kienx hemm izjed Punti Mqajjma mill-minuti, ic-Chairperson mar ghall-item li jmiss fuq l-agenda.

**4.00** **<u>4. Il-Progett ta' Access ghal Tal-Virtu'</u>**

4.01 Ic-Chairman is-Sur Lino Pace Bonello hass li jista' jitkellem ghal kull membru prezenti li d-disinn kif propost mill-Perit mhuwiex ghas-sodisfazzjon taghhom. Kien hemm diversi punti li l-Membri esprimew li jixtiequ li jigu emendati fid-disinn. Ic-Chairperson qal lil dawk prezenti li kien ha l-inizjattiva biex jaghmel disinji alternattivi ghall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Aministrattiv Tal-Virtu'. Is-Sur Pace Bonello ta spjega tad-disinn fejn fost affarijiet ohra indika li l-hwat bil-hamrija mdawwrin bil-bankijiet kellhom jickienu biex johloq spazju minn fejn bniedem jista' jghaddi inkluz dak b'wheel chair. Fl-ispazju ta' bejn il-hwat kien iservi wkoll biex persuna tistenna l-ohra tghaddi minn quddiem il-hwat. Inkluda fid-disinn tieghu zokklatura mal-hajt li ghandu bzonn manutenzjoni u inkulda wkoll platform taht il-bankijiet biex jaghmel tajjeb ghad-dizlivell. B'dan il-mod l-area taht il-bankijiet ikunu tali li persuna adulta tista' toqghod bilqieghda b'saqajha t-tnejn ma' l-art. Progett ta' Access f'Tal-Virtu'

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia kompla biex qal li l-arblu ta' l-elettriku li hemm fuq l-istess bankina hemm bzonn li jinbidel jew jiccaqlaq minn fejn qieghed minhabba l-passagg ghal min ikun qed juza' l-bankina hu r-rampa hija dejqa wisq.

4.03 Il-hajt madwar il-propjeta privata fejn hemm il-bankina jirrikjedi manutenzjoni. Qabel ma jitwettaq il-progett imsemmi, Dr. Anthony Grixti Soler issugerixxa lis-Sur Lino Pace Bonello biex jiddiskuti mas-sid ta' l-imsemmija propjeta' jekk hiex l-intenzjoni li ssir manutenzjoni fuq dan il-hajt. Dr. Grixti Soler kompla biex qal li hemm wisq bankijiet proposti. Ukoll semma' li kien hemm tabella li tindika li hemm entratura ghal Tal-Virtu' u din ilha nieqsa. Is-Sur Pace Bonello semma' li t-tabella msemmija kienet tohloq periklu ghas-sewwieqa li jkunu hergin minn Tal-Virtu' minhabba li ma jkunux jistghu jaraw traffiku li tiela' minn Triq Grog Borg Olivier u ghal go Triq il-Buskett. Dr. Grixti Soler staqsa dwar il-possibilita' li n-naha l-ohra tal-bankina li ser tigi rrangata tigi kkonsidrata ghat-tisbieh ukoll. Is-Sur Christopher Farrugia qal li z-zona msemmija minn Dr. Grixti Soler tirrikjedi

attenzjoni minhabba d-dehra u l-ambejnt huwa wisq cass. Kien ikun ghaqli li jithawwlu xi pjanti baxxi biex fl-istess hin ma jinholoqx periklu u ksur ta' sigurta'.

4.04 Ic-Chairman is-Sur Lino Pace Bonello ssugerixxa li nzommu mas-suggett minhabba l-limitazzjoni tal-fondi. Dan li ssemma minn Dr. Grixti Soler ghandu jigu diskuss fil-futur. Ghaldaqstant is-Sur Lino Pace Bonello rrakkommanda li l-proposti l-godda ghandhom jigu diskussi mal-Perit. Dawk prezenti qablu ma din il-mizura.

**5.00** **<u>5. Installazzjoni ta' Security Cameras</u>**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello introduca l-item li jmiss fuq l-agenda. Dr. Grixti Soler issugerixxa li l-Kumitat Amministrattiv ghandu hafna x'jiddiskuti u ghalhekk ghandha ssir lista ta' prijorita u ta' suggetti li ghandhom jigu diskussi waqt laghat tal-Kumitat. Ghaldaqstant dawk prezenti qabblu mal-proposta ta' Dr. Grixti Soler u ressqu din l-item kif propost biex tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

**6.00** **<u>6. Kisi bit-tarmac ta' l-Inspection Manholes</u>**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hemm numru ta' manholes li jinsabu 'l isfel u ghaldaqstant jikkrejaw hofra fit-triq. Gie ssugerit li dawn il-manholes jintlew bit-tarmac. Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li jkun ahjar jekk dawn jergghu jitrangaw billi jitilghu 'l fuq f'livell mat-triq. Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-metodu kif jitrangaw dawn il-manholes huma kif semma s-Segretarju Ezekuttiv. Ghaldaqstant ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jinvestiga min jista' jaghmel dan ix-xoghol.

Kisi bit-tarmac ta' l-inspection Manholes

**7.00** **<u>7. Affarijiet Ohra</u>**

7.01 Is-Sinjura Cecilia Bonello qalet li t-tabella ghad-direzzjoni ghall-Villa Messina trid tigi rrangata.

7.02 Is-Sinjura Cecilia Bonello rrakkommandat it-tnehhija tal-bring-in-site li qieghda qrib ir-residenzi. Intqal li dawn il-bring-in-sites ma jiehdux skart imhallat ghaldaqstant iz-zona ma tithammigx. L-isfortuna hi li madwar il-bin jithalla skart li jaghmel iz-zona vera mahmuga.

Bring-in-sites

7.03 Dr. Anthony Grixti Soler irrakkommanda li jsiru meetings izjed frekwenti fejn jigu diskussi item wiehed kull darba.

7.04 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgha li qed isir zvilupp fis-seminarju li dan ser jinkludi ftuh ta' gate ghal gol-part residenzjali f'Tal-Virtu' faccata ta' Triq Carlo Fiamingo. L-izvilupp ser jinvolvi car park kbir u skola primarja li ser tkun mibnija min-naha fuq hames sulari. Is-Sur Farrugia kompla biex qal li dan l-izvilupp ser ikun ghad-detriment tar-residenzi u l-komunita ingenerali tar-Rabat. Apparti l-fatt

Zvilupp fis-Seminarju

li din l-area hija prijorita residenzjali, u fejn il-bini estetikament ma jistax ikun ghola minn tlett sulari, dan ha jkun hemm effett dirett fuq it-toroq f'Tal-Virtu'. Ghaldaqstant tirrikjedi Traffic Management shih taz-zona. Hu semma' li hemm numru ta' residenti li inghaqdu bhala pressure group kontra dan l-izvilupp. Dan l-izvilupp diga' ghandu l-permess tal-Mepa li hareg fi zmien qasir u ghandu refernza PA 498/10. Is-Sur Farrugia kompla biex qal li skond hu l-izjed li ha jintlaqtu huma toroq Pietru Caxxaru, Godwin Ganado u Carlo Fiamingo. Ir-residenti huma prijokkupati b'dan l-izvilupp partikolarment minhabba l-istorbju li jista' jigi ggenerat, konfuzjoni fit-traffiku u kif ha tigi effettwata l-estetika. Hu mistenni li d-dhul ghall-iskola Primarja u Sekondarja ssir mill-gate msemmija. L-istudenti jinzlu fil-grounds ta' l-iskola u t-trasport jerga' johrog vojt. Jidher li t-trasport ta' l-iskola ser jizbokka go Triq Godwin Ganado. Is-Sur Christopher Farrugia pprezenta site plans lil dawk prezenti ta' l-izvilupp propost. F'dan l-istadju c-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello jhoss li dan il-progett ghandu jigi diskuss mar-Rettur tas-Seminarju fejn ikun hemm involut il-Kumitat Amministrattiv kif ukoll is-Sindku, s-Sur Sandro Craus.

7.05 Is-Sindku Sandro Craus qal li l-urgenza f'dan l-izvilupp jista' jkun li jorbot ma' l-izviluppi mas-sistema edukattiva u fejn l-iskejjel tal-Knisja ser jespandu l-attivita' taghhom fejn m'hemmx ghall-edukazzjoni Primarja. Dan l-izvilupp ghandu jkun lest ghall-ewwel tfal ta' l-iskola Primarja mill-bidu tas-Sena Skolastika tas-sena d-diehla. Hu jhoss u lest li jattendi ghal-laqgha mar-Rettur tas-Seminarju dwar dan l-izvilupp u fejn jista' jkun jintalab li l-izvilupp ikun konformi ma' l-ambjent f'Tal-Virtu'. Ic-Chairman is-Sur Lino Pace Bonello talab il-qbil tal-membri prezenti. Minhabba li kien hemm xi residenti prezenti l-laqgha giet aggornata fid-9.15 ta' filghaxija u saret laqgha miftuha mar-residenti prezenti dwar dan l-istess suggett. Gie maqbul mill-membri prezenti li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Gimgha 8 t'Ottubru 2010 fis-6.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| **Lino Pace Bonello** | **Franco.M Azzopardi** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |